SAN LAWRENZ

Il-Minuti tat-tlieta u ħamsin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju 2011 fit-8:30 ta' filgħodu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

***Preżenti:***

*Sindku:* Noel Formosa

*Viċi-Sindku:* Anthony Formosa

*Membri:*

John Mercieca
Joseph Sultana
Luigia Grima

*Segretarju Eżekuttiv:* Lucienne Haber

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 Korrispondenza**

3.1 Saret referenza għall-invit li l-Kunsill Lokali, l-Parrocca u l-Kumitat tal-Festa ħarġu fl-okkażżjoni tal-preżentazzjoni tal-Musical AD 1062. Il-kunsilliera u s-Segretarja tal-Kunsill huma mistiedna għall-preżentazzjoni ta' nhar it-28 ta' Lulju 2011 fid-9:15 ta' filgħaxija fil-pjazza tal-lokal. Saret referenza għall-ewwel rappreżentazzjoni li kien hemm qbil li kienet success kbir u kien sabiħ li tara liż-żgħażagħ, tfal u kbar miġbura għal okkażżjoni bħal din.

3.2 Giet trattata Memo 56/2011 rigward taħrig dwar ir-responsabilita' tal-playing fields fil-Kunsilli Lokali.

3.3 Giet trattata wkoll Memo 61/2011 rigward taħrig fl-ICT għall-kunsilliera u l-istaff. Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward għandu jitlob lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali sabiex dawn il-korsijiet isiru Għawdex.

3.4 Giet trattata l-ittra mingħand il-Kummissjoni Dun Guzepp Cauchi fejn qed tistieden lill-Kunsill għal kxif tal-lapida ta' Dun Guzepp Cauchi fl-okkazzjoni tal-għaxar anniversarju mill-ezumazzjoni u t-trasferiment tal-fdalijiet ta' dan is-saċerdot għaċ-ċimiterju tal-Parrocca ta' San Lawrenz.

**4.0 Stima ta'manutenzjoni u bankina madwar iz-zuntier tal-Knisja**

4.1 Peress li l-progett tal-Knisja wasal biex jintemm qabel il-festa, il-Kunsill ħass il-bzonn li urgentament jagħmel bankina u manutenzjoni lit-triq madwar il-knisja. Il-Kunsill għalhekk gabar stima mingħand l-istess kuntrattur li qed jagħmel ix-xogħol tal-Knisja biex ix-xogħol ikun jista jitkompla b'urgenza. L-istima ntelghet għal €1248 inkluz il-Vat. Il-Kunsill qabel li għandu jipprocedi mminenti b'din l-ordni.

**5.0 Diskussjoni dwar il-passagg ta' Triq il-Wileg**

5.1 Saret diskussjoni dwar jekk il-passagg ta' Triq il-Wileg għandux isir mill-fondi tal-Kunsill jew inkella mill-Gvern Centrali. Is-Sindku semma li s-CMTU wegħdet li ser tagħmlu minn naħa tagħha pero għadu ma sarx. Sar qbil li għandna nkomplu ninsistu mas-CMTU sabiex dan isir minnufih.

**6.0 Programmazzjoni tax-xogħolijiet ghal wara l-festa**

6.1 Is-Sindku rrefera li wara li tgħaddi l-festa irridu nibdew naħdmu fuq ix-xogħolijiet li ser isiru fil-pjazza u l-culverts kollha meħtiega. Is-Sindku semma li hu u s-segretarja qed jiltaqgħu mal-awtoritajiet kompetenti biex jaraw x-xogħlijiet ta' culverts jeħtieġ li jsiru.

**7.0 Analazi tar-rapport tal-board tal-aggudikazzjoni tal-progett tal-pjazza**

7.1 Is-Sindku rrefera għall-kompozizzjoni tal-Bord li ser jevalwa l-offerta tax-xogħol tal-pjazza. Huwa semma li peress li l-Perita Ivana ma kinitx disponibbli gie kkuntatjat il-Perit Anglu Portelli. Is-Sur Salvu Bonello u s-Sinjura Michelle Vella wkoll ikkonfermaw li ser jagħmlu parti minn dan il-bord.

7.2 Is-Sindku semma li l-analazi ma tistax issir illum peress li r-rapport għadu mhux konkluz.

**8.0 Dwejra Festival**

8.1 Is-Sindku semma li saret l-applikazzjoni mal-MEPA sabiex nitolbu il-permessi necessarji biex din l-attivita' tkun tista ssir. Sar qbil li l-Kumitat tal-Gemellagg għandu jieħu ħsieb l-organizazzjoni ta' dan il-festival. Sar qbil ukoll li bhala servizz tat-trasport għal din l-attivita għandna wkoll nitkellmu mal-Arriva dwar il-possibilita' ta' zieda ta' trips lejn id-Dwejra dakinhar.

## 9.0 Mobile Toilets ghall-festa

9.1 Il-Kunsill approva l-kiri ta' zewg mobile toilets għal matul il-gimgħa tal-festa.

## 10.0 Il-Kwistjoni tas-sigurta fl-iskola

10.1 Is-Sindku rrefera għall-email mibgħuta mill-Kap tal-iskola Dun Salv Portelli fejn talbet li minħabba sigurta għall-istudenti fl-iskola, għandha tingħalaq l-fence u sabiex jidħlu l-iskola u wkoll sabiex ir-residenti jużaw l-Ufficini tal-Kunsill għandhom jagħfsu l-buttuna tal-qanpiena. Il-Kunsill ma qabilx ma dan ghax b'hekk inkunu qed innaqqsu l-access fl-uffiċini. F'dan ir-rigward il-Kunsill qabel li għandna niktbu ittra ufficjali lis-Segretarju Parlamentari Chris Said fejn nuruh il-preokkupazzjonijiet tagħna fir-rigward li l-Kunsill ma jistax jibqa jopera mill-premissi tal-iskola.

## 11.0 Materji ohra

11.1 Gew trattati xi lmenti dwar is-servizzi mogħtija mill-Kumpanija Arriva fosthom it-tul ezagerat li qed jieħu l-vjagg bejn il-belt Valletta u c-Cirkewwa. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jressaq l-ilment dwar it-tneħhija ta' Bus Stop mill-pjazza Savina l-Victoria, peress li l-anzjani qed isibuha diffiċli ghax qed ikun hemm il-bogħod.

11.2 Is-Sindku rrefera għall-manutenzzjoni estensiva li saret lil-latrina tad-Dwejra. Huwa semma li l-latrina issa tinsab fi stat tajjeb ħafna u għalhekk huwa propona li fil-prezent għandna nissospendu l-applikazzjoni minn quddiem il-MEPA.

11.3 Sar qbil li għandhom jigu orndati daqs tmien no parking signs.

11.4 Il-Kunsill irrefera ghad-decizzjoni li kien ha rigward ix-xiri ta' vettura second-hand ghall-uzu tal-ħaddiema tal-id tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jwaqqa' d-deċizzjoni u qabel li għandu jħallas il-prezz ta' ħames ewro kull vjagg lejn ir-Rabat u lura lil min juza l-vettura personali tiegħħ.

11.5 Il-Kunsill irrefera għall-kiosks tal-festa. Sar qbil li peress li suppost li nfurmajnihom bid-deċizzjoni tat-tibdil tal-post minn fejn qed ikunu prezentament għal Triq il-Wileg minn xahrejn qabel, għal din is-sena ser inħalluhom fejn huma.

11.6 Il-Kunsill iddiskuta fit-tul il-parking bays tad-Dwejra u ġie deċiż li nitkellmu ma Transport Malta dwar aktar organizzazzjoni tal-Parking tad-Dwejra.

11.7 Il-Kunsill qabel li għandu jitlob stima sabiex isir ix-xogħol biex jigi kkonnettjat il-culvert ta' Triq Dun Salv Portelli mal-gibjun ta' taħt il-playing field.

11.8 Is-Sindku semma li kien kkuntatjat mis-sid li ser jopera d-dar tal-Anzjani u li għandhom bzonn li tinbidel il-bankina ezistenti biex issir b'rampa għall-persuni b'diżablita' sabiex dawn ikunu jistgħu jibdew joperaw. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel dan bil-ħaddiema tal-gvern fuq pjanta kif preparata mill-Perit.

Il-laqgħa ntemmet fl-10:30 ta' filgħodu.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Ezekuttiv***